MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1426/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Spiridione Baldacchino sija bil-polza sija bil-ligi u l-istess Spiridione Baldacchino.**

**vs**

**Aron Cassar u Roberta Brincat**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu lill-atturi, jew minn minnhom, is-somma ta' tlett mija u sittin liri Maltin u tnax il-centezmu (LM360.12,0) li jinkludu hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00,0) excess imhallas mill-assikurat Spiridione Baldacchino u sitta u erbghin liri Maltin (LM46.00,0), "loss of use", rappresentanti danni kagunati minnhom jew min minnhom, f'incident awtomobilistiku tat-2 ta' Novembru, 1999 fil-limiti tal-Mosta, bejn il-vettura numru BBG 768 misjuqa minn Aron Cassar u l-vettura numru GAK 282 misjuqa minn Roberta Brincat u l-vettura numru BAP 113 misjuqa minn Emily Baldacchino u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici Spiridione Baldacchino, liema incident gara unikament tort taghhom jew minn minnhom, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom, jew min minnhom;**

**2. Bl-ispejjez komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (LM10.50,0) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni taghhom kontestwalment ma' dan l-Avviz u bl-imghax mid-data ta' l-ewwel ittra ufficjali kontra taghhom, jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Aron Cassar datata l-10 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom in kwantu l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament tort u ta' htija ta' Spridione Baldacchino u Roberta Brincat u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt il-mori u t-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk isegwi li ma hemm l-ebda responsabbilita' li ghandha tigi attribwita lill-esponenti, li ma hemm ebda danni li jridu jigu likwidati fil-konfront tieghu u li ma hemm l-ebda kundanna ta' hlas li ghandha ssir fil-konfront tieghu in linea ta' danni;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Roberta Brincat datata s-17 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenuta izda gara tort unikament ta' Aron Cassar li kien qed isuq il-vettura numru BBG 768 u li kien involut fl-istess incident;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Tghamel referenza wkoll a fol 10 kontenenti inutilment kopja ohra tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Aron Cassar;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluzi l-affidavit ipprezentat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici nomine;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-2 ta' Novembru ta' l-1999 ghall-habta tas-1.14 ta' wara nofs inhar gewwa Marsa Industrial Estate Road, Marsa;**

**2. Illi f'dan l-incident kienu involuti tlett vetturi, wahda tal-ghamla Scammel bin-numru ta' registrazzjoni BBG-768 misjuqa minn Aron Cassar wiehed mill-konvenuti; ohra tal-marka KIA Pride bin-**

**numru ta' registrazzjoni GAK-282 misjuqa minn Roberta Brincat, il-konvenuta l-ohra; u finalment dik tal-marka Skoda bin-numru ta' registrazzjoni BAP-113 misjuqa minn Emily Baldacchino izda licenzjata f'isem Spiridione Baldacchino wiehed mill-atturi;**

**3. Illi l-vetturi fuq imsemmija kienu qed jinstaqu fid-direzzjoni lejn il-Belt;**

**4. Illi l-incident de quo sehh kif jinqabzu t-"traffic lights" li hemm fir-"roundabout" de quo;**

**5. Illi l-konvenuta Brincat issostni li hi nizlet in-nizla fejn illum hemm l-MCAST u meta wasslet qabel it-"traffic lights" waqfet tistenna li jinqaleb id-dawl biex tkun tista' tipprocedi u kienet fil-karreggiata interna;**

**6. Illi kif din il-konvenuta kienet ghadha f'din il-posizzjoni jirrizulta li gie l-iscamel misjuq mill-konvenut Cassar li dahal fiha u bl-istess daqqa l-konvenuta Brincat baqghet diehla fuq il-vettura misjuqa minn Baldacchino gia' riferita;**

**7. Illi d-danni sofferti mill-vettura ta' Baldacchino gew debitament ivverifikati mid-dokumenti annessi fil-process odjern u jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici nomine m'hux biss ghamlet tajjeb ghalihom izda giet regolarment surrogata fid-drittijiet tas-sid;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi tenut kont ta' l-analizi fuq succintament espost jirrizulta li l-konvenut Cassar kien unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u konsegwentement din il-qorti:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Aron Cassar responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ tlett mija u sittin Lira Maltin u tnax-il centezmu, (LM360.12,0);**

**3. Illi filwaqt li tillibera lill-konvenuta Roberta Brincat mill-osservanza tal-gudizzju, tikkundanna lill-konvenut Aron Cassar biex ihallas l-ammont ta’ tlett mija u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu, (LM360.12,0), hekk likwidat lill-atturi, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**